KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 68**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 68.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 68.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

68.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji.

## 68.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements;

68.5.1 Kien hemm qbil sabiex dan il-punt jieħu preċedenza minħabba li kien ġie mistieden l-Accountant tal-Kunsill sabiex jippreżenta u jispjega l-Unaudited Financial Statements għas-sena 2022. L-Accountant spjega li fi żminijiet preċedenti l-book-keeping kien isir mis-Segretarju Eżekuttiv u hu kien jiġi mitlub sabiex jingħalqu l-accounts fl-aħħar tas-sena kif ukoll sabiex jipprepara r-rapporti finanzjarji skont kif kien ikun meħtieġ. Hu dejjem ħadem kif jitolbu s-Segretarju Ezekuttiv għaliex finalment huwa l-Kap Eżekuttiv u Finananzjarju. Spjega li meta beda l-Aġent Seg. Ezekuttiv hu mexa bl-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

istess mod u minħabba li hu ma kienx jaf jekk is-servizzi tiegħu humiex se jibqgħu mitluba jew le. Hu spjega li kien qed jgħid dan kollu għaliex xtaq li tkun iċċarata li hu ma kellu l-ebda awtorità li jieħu ħsieb l-accounts tal-Kunsill ġaladarba dan ma jiġix mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk u ħaseb li dan ix-xogħol kien qed isir mis-Segretarju bħal ma dejjem kien isir. Wara li għaddew ix-xhur ġie mitlub mill-Aġent Seg. Eżekuttiv sabiex jieħu ħsieb id-day to day book keeping u dan kien ifisser ħafna xogħol li ried isir b'lura u b'ħafna għaġla, bħal ma tafu lanqas Estimi Finanzjarji ma kien sar.

L-Accountant taha stampa ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja, fejn spjega l-figuri tad-dħul u l-ħruġ għalkemm informa lill-membri li tali figuri ser jerġgħu jiċċaqalqu minħabba li l-financial statements tas-sena 2021 għadu ma ġiex iffinalizzat.

Is-Sindku semma li jħossu ddispjaċut għaliex hu kellu fiduċja kbira fl-Agent Seg. Eżekuttiv. Ħaseb li minħabba li dan kien awditur l-kotba finanzjarji tal-kunsill kienu se jinżammu up to date. Semma li kien ferm diżappuntat meta riċentament sar jaf li t-truck tal-Kunsill ma kienx inxurjat. Dan ġara minħabba li kien sar ċekk li ġie kkanċellat u l-pagament bi trasferiment bankarju baqa ma sar qatt. Dan meta t-trukk kien qed jintuża regolarment għal xogħol tal-kunsill. L-Accountant kompla spjega dwar il-qabża fl-infieq f'ċertu areas bħal dik ta' hospitality li saru matul is-sena 2023 li hija ferm over budget, b'qabża kbira mis-snin ta' qabel. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat id-diffikultajiet li se jkun hemm meta jibda l-awditjar minħabba li ammont ta' ħlasijiet li saru mingħajr ma' l-Kunsill kien irċieva fatturi fiskali u lanqas irċevuti fiskali. Sfortunatament, jekk tiġi mistoqsija se jkollha tinforma lill-awdituri li dawn ma nstabux fil-Kunsill. L-Accountant temm id-diskors tiegħu billi spjega li minkejja dan kollu l-kunsill ma spiċċax b'deficit imma għandu surplus baxx. L-Kunsilliera ma kellhomx mistoqsijiet u għalhekk irringrazzjajna lill-Accountant tal-ħin tiegħu.

*L-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2022 ġew approvati unanimament.

## 68.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.4.1 Is-Sindku Paul Buttigieg talab sabiex nilqgħu lill-Assistant Direttur Philip Mifsud mill-Ministeru Għal Għawdex li kien ġie u qed jistenna barra sabiex jitkellem mall-kunsill dwar proposta li l-Ministeru jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel u laqa lis-Sur Philip Mifsud.

Is-Sur Mifsud spjega il-proposta mressqa mill-Ministeru Għal Għawdex rigward il-Mużew Folkloristiku li jinsab fi Triq it-28ta' April 1688 biex dan jiġi ridimensjonat bħala mużew folklorisitiku bi speċjalizzazzjoni fil-kultura tal-għasir tal-għeneb u l-produzzjoni tal-inbid. Hu spjega illi wara li ġew ikkunsidrati diversi nħawi u lokalitajiet, il-Ministru ura x-xewqa li tiġi kkunsidrata il-lokalita' tal-Qala. L-għan prinċipali huwa sabiex tiżdied attrazzjoni oħra fil-lokalita' u għalhekk tkellemna mas-Sindku fejn flimkien miegħu dorna xi tlett postijiet fil-Qala u dan kien l-aktar interessanti. Is-Sur Mifsud kompla jgħid li mill-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

informazzjoni li huma ġabru huwa li dan il-post ma huwiex qed jinfetaħ kuljum u allura mhux jintuża għal skopijiet tiegħu imma qed jintuża minn għaqdiet u xi ndividwi għal dan il-mod. Il-Ministeru lest li jikkollabora mall-Kunsill biex dan il-post jsirlu l-attrezzament li hemm bżonn u hemm il-ħsieb li l-quddiem jittellgħu avvenimenti relatati ma festivals tal-għasir tal-inbid, qed jiġi kkunsidrat ix-xahar ta' Settembru. Hemm il-ħsieb ukoll biex jidħlu f'kollaborazzjoni mal-ITS sabiex isiru attivitajiet ta' wine tasting. Il-Kunsilliera għamlu diversi mistoqsijiet fosthom il-Kunsillier Karl staqsa dwar kif qed jaħsbu li se tkun il-kollaborazzjoni mal-Menhir Group. Is-Sur Mifsud wieġeb illi forsi jista jinstab post alternattiv għal dawn il-groups li qed jużaw il-post sabiex jiġu rilokati. Semma li s-Sindku kien urihom l-kamra li fil-passat kienet tintuża bħala berġa u forsi jistgħu jiġu rilokati ġo fiha. Bħala Ministeru lest li jgħinhom billi joffrilhom l-units u xi mwejjed li jistgħu jkunu bżonn. Is-Sindku spjega li l-Menhir għandhom ħafna ħwejjeġ u storage u għalhekk għandhom jiġu pprovduti b'dak kollu li hemm bżonn. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak staqsiet liema kienu żewġtx ikmamar l-oħra li żaru. Is-Sindku nfurmha li żaru l-berġa, l-folk museum u l-librerija. Is-Sur Mifsud semma li l-berġa hija ferm akbar mill-post li qed jintuża bħalissa. Il-Folk Museum ma jitneħħix imma jiġi inkorporat ma dak tal-inbid u l-ispejjeż relatati jkunu mħallsa kollha mill-Ministeru. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak uriet it-tħassib tagħha minħabba li f'dan il-mużew jattendu tfal sabiex jitgħallmu xogħolijiet u talenti antiki għaliex hi qalet li jidher li s-Sur Mifsud ma kienx infurmat li dan qed jinfetaħ kuljum u jgħallmu dawn it-talenti lit-tfal b'xejn. Is-Sindku wieġeb li diġà nfurmah li qiegħed jinfetaħ kuljum filwaqt li s-Sur Mifsud wieġeb li ma jaħsibx li jkunu qed jintervjenu jekk dawn se jimxu minn post għal ieħor, però hi kompliet tgħid li jiddependi l-post fejn se jitpoġġew minħabba li l-Menhir għandhom ammont kbir ta' storage. Staqsiet ukoll jekk hux ser jinbidel it-titlu tal-Folk Museum u s-Sur Mifsud infurmha li l-Folk Museum mhux ser jitneħħa imma jiġi ridimensjonat li jiġu nkorporati t-tnejn flimkien.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar il-pjan tal-Ministeru ta' kif bi ħsiebu jikkollabora mall-kunsill filwat li l-Viċi Sindku s-Sur Ivan Ċefai semma wkoll jekk il-Ministeru jkunx qed ikopri l-ispejjeż relatati mal-ħaddiema. Is-Sur Mifsud semma li l-Ministeru lest sabiex jieħdu ħsieb l-ispejjez sabiex isir dan u għalhekk qed jitlob li l-Kunsill jibgħat il-proposti tiegħu. Issemmew diversi punti bħal spejjeż relatati ma kera, dawl u ilma kif ukoll ta' ħaddiema. Is-Sur Mifsud semma li wieħed għandu jħares lejn il-long term benefits ta' din l-opportunita' u biex iwieġeb il-mistoqsija tal-Kunsilliera Valerie C Mejlak dwar x'se jkun qed tattira lill-pubbliku semma il-ħsieb ta' multimedia room li titranġa, jiġu muriha images u display ta' nbid kif ukoll possibbilment wine tasting mingħajr ma jiġi mwarrab il-folk museum. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak semmiet li ma tarax li għandha tħott torri li sejjer sew biex tibni ieħor li ma tafx hux ser jirnexxi. Il-Viċi Sindku semma li din hija opportunita li mhux ta min tintilef u miegħu kompla l-Kunsillier Joseph Buttigieg li spjega li din se tkun opportunita li jingħata aktar valur miżjud lil dak li diġà għandna. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet li ma tafx għaliex trid tkun propju din il-binja fil-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Qala. Is-Sur Mifsud spjega li dawn huma l-ħsibijiet tal-Ministeru u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li ma jaqbilx ma din il-proposta jinstab post alternattiv f'lokalita oħra. Is-Sur Mifsud irringrazzja lill-kunsill tal-ħin tiegħu. Wara li l-kunsill jiddiskuti u jikkunsidra dan li qed jipproponi l-Ministeru, l-Kunsill jekk jaqbel jippreżenta l-proposta tiegħu lill-Ministeru Għal Għawdex.

Is-Sindku semma li kien ġie avviċinat b'din il-proposta mill-Ministeru Għal Għawdex u għalhekk urihom diversi postijiet kif ġie mfisser aktar il-fuq. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li ma jaħsibx li tkun problema li mmexxu l-affarijiet tal-Folk għall-Berġa però jaħseb li jista jitħalla parti mill-mużew sabiex dawn il-gruppi jibqgħu jmorru jagħmlu dan ix-xogħol ta' crafts u jżommu l-post ħaj. Bl-ebda mod ma jrid jfisser li jintilfu xi nvestiment mill-Ministeru sabiex isir dan il-proġett però jisħaq li l-Kunsill għandu jibqa nvolut mill-bidu sal-aħħar tal-proċess kollu u mhux ninqatgħu barra, jieħdu l-post li jsir qisu tagħhom u forsi niġu mistiedna biss għall-ftuħ uffiċċjali. Mhux biss għandna nkunu nvoluti imma l-binja tibqa dejjem propjetà tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li dan il-proġett se jkun ta' ġid għall-Qala u ma jarax li għandhu jintilef opportunita' bħal din sakemm ser jinstab post alternattiv għal Menhir Folk Group. Żid jgħid li tkun ideja tajba li membru tal-Menhir folk Group jżuru din il-kamra alternattiva. Il-Kunsillier Karl Buttigieg żid li jekk ikun hemm xi ntrojtu minn wine tasting, dan id-dħul għandu jgħaddi għal xi għaqda mill-Qala. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona li waħda mill-kundizzjonijiet għandha tkun li meta jibda x-xogħol għandha tinżamm laqgħa regolari sabiex ninżammu nfurmati b'dak kollu li jkun se jsir u mhux wara li jkun sar. Il-Viċi Sindku spjega li hu jaqbel ukoll li din hija opportunita' li ma għandnix nitilfu basta nieħdu ħsieb lill-grupp tal-Menhir Folk Group kif ukoll lill-gruppi oħra li qegħdin jużawh preżentament. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak spjegat li hi ma taqbilx mhux biex tħassar festi għaliex qalet li taqbel ma inizjattivi ġodda għal-Qala imma ma temminx li għandna nħassru dak li għandna u miexi sew biex wara ftit żmien jispiċċa post ieħor magħluq fil-Qala meta llum huwa miftuħ u gawdut kuljum.

Ġie maqbul li se tiġi ppreparata u ċċirkolata tali proposta u eventwalment wara tiġi mibgħuta lill-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku ippropona li l-kuntratt għandna niddiskutuh man-Nutar.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex nirreferu għall-Aġenda li magħha trid timxi l-laqgħa u għalhekk irreferit għall-punt 68.3 tal-Aġenda.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 68.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 63-67

68.3.1 Il-minuti ta' laqgħat numru 63 li ġew ippreparati mill-Aġent Seg. Eżekuttiv kif ukoll il-minuti bin-numri 64, 65, 66 u 67 li ġew ippreparati mis-Seg. Eżekuttiv Heidi Grech ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsilliera Valerie. C. Mejlak għamlet referenza għal punt numru fejn 63.4.3(paġna 7) fejn tablet li għandha tinkiteb ir-risposta tagħha għal dak li kien qal is-Sindku minħabba li r-riposta tagħha ma kinitx imnizzla. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak ippreżentat nota li jirrifletti dak li skont hi kienet ir-riposta tagħha u li tifhem li għandha tinkiteb fil-qasir. Minħabba li s-Seg. Eżekuttiv ma kinitx preżenti għal laqgħa numru 63, u minħabba li kien hemm disgwit dwar xi ntqal, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tkun qed tagħmel referenza għar-recording u wara li temenda l-minuti numru 63, terġa tippreżenta dawn il-minuti fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsilliera semmiet ukoll sabiex issir emenda tal-istima tat-tinda li nkriet għall-book fair, fejn l-ispiza kienet dik ta' €495.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab korezzjoni f'punt numru 63.4.13 fejn hu msemmi li l-gazebo għandha titnaddaf, din għandha tkun għandha titneħħa kif ukoll emenda 63.4.18 fejn huwa miktub li l-Kunsillier Karl Buttiġieg semma u li għandha tiġi li hu staqsa fejn wasal il-proċess ta' bdil tat-tapiti li kellhom jsiru fi Ġnien Maġistrat minħabba li dan kien diġa ġie maqbul li jimxu għal Ġnien il-Familja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Viċi Sindku, Ivan Cefai talab korrezzjoni f'minuti numru 65.2.1 fejn talab sabiex tinkiteb aktar ċara l-punt fejn hu kien issuġġerixxa li qabel jittieħed il-vot l-ewwel naraw x'riskji hemm li jekk jtawwlu jintilfux il-fondi. Wara li nsiru nafu ssir laqgħa oħra fejn il-kunsill jkun preżenti, u għalhekk din l-emenda ġiet approvata. Wara li saru dawn l-emendi, l-minuti numri 64, 65, 66 u 67 ġew approvati unanimament. Il-minuti numru 63 se jerġgħu jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

## 68.4 Tkompli l-Komunikazzjoni mis-Sindku

68.4.2 Is-Sindku qal li wasal biex jiġi fi tmiemu x-xogħol ta' manutenzjoni fil-Belvedere tal-Qala, xogħol li kien ilu żmien twil ma jsir u ta' dan jirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kusill li għamlu xogħol impekkabli u ta' l-aqwa kwalita'. Tali xogħol kien jikkonsisti minn brix tal-ħadid sabiex iż-żebgħa ma titqaxxarx, tqaxxir tal-kisi li kien sar ħażin u għalhekk kien qed jinqala malli jintmess, kif ukoll xogħolijiet mall-ħitan sabiex inqala l-ħass li jkun trabba mal-uċuħ. Sar xogħol ta' żebgħa, fejn inżebħu tlett passata, dik ta' passata primer u wara żewġ passata top coat.

68.4.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-fanali kienu twaħħlu u qed nistennew għal fanal ieħor li sirna nafu bih meta kien qed isir ix-xogħol.

68.4.4 Is-Sindku kompla jgħid li ingħata l-konkos C30 bil-fibre taħthom minħabba li l-fanali li kien hemm kienu jinsabu l-isfel mill-ħamrija u għalhekk saritilhom il-ħsara.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

PB

Għalhekk issa dawn twaħħlu bi tlett rods u ttellew parti sew il-fuq, kif ukoll sar gandott għall-wires sabiex dawn ikunu aktar siguri. Is-Sindku fakkar li kien hemm żmien li mat-tisqija tal-pjanti kienet qed taqa s-salvavita. Jibqa issa l-aħħar fażi li jinvolvi l-bdil tat-tapiti u għalhekk dawn se jkunu qed jiġu ordnati sabiex jkunu jistgħu jitwaħħlu.

68.4.5 Is-Sindku nforma lill-membri li l-bankijiet il-ġodda waslu l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa u ser ikunu qed jitwaħħlu.

68.4.6 Is-Sindku qal li fit-2 ta' Mejju bdiet is-Segretarju Eżekuttiv ġdida, s-Sinj. Heidi Grech. L-Aġent Seg. Eżekuttiv ħadem magħha sabiex taha *Hand Over* tax-xogħol li kien qed jagħmel hu. Minn mindu bdiet magħna diġà bdejna naraw ir-riżultat tax-xogħol li beda jsir minkejja li għadha taħdem fuq dokumenti u proġetti li jmorru lura saħansitra għal żmien tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti.

68.4.7 Il-Coffee Morning li nżamm fit-3 ta' Mejju b'ċelebrazzjoni ta' Jum l-Omm kien suċċess u għalih kellna attendenza sabiħa. Għal din l-okkażjoni ngħata mug mill-Kunsill bħala tifkira. Il-Coffee Morning li jmiss se jsir fit-23ta' Ġunju. Il-Kunsill se jieħu ħsieb jistaqsi lil dawk li jibbukjaw dwar fejn jixtiequ li ssir il-quddiesa minħabba li kien hemm minn xtaq li l-quddiesa tibda ssir il-Kunċizzjoni. Qegħdin naħsbu wkoll għal ħarġa f'Malta.

68.4.8 Is-Sindku semma li l-Kunsill ġie avviċinat mill-Għaqda Briju San Ġużepp sabiex jaraw il-possibilita li b'kollaborazzjoni mall-Kunsill jinxtraw tmien arbli sabiex jitwaħħlu ħdejn Ġnien il-Familja. Dawn jkunu jistgħu jintużaw mill-Kunsill għal kull avveniment li jkollu kif ukoll jintużaw għal żmien il-festa. Is-Sindku semma li jaqbel li l-Kunsill jixtri dawn l-arbli biex iżejnu r-raħal.

68.4.9 Is-Sindku qal li bdew jidru l-hornets madwar il-Qala u kif tafu s-sena l-oħra kienu nxtraw ammont ta' nases biex jitpoġġew f'postijiet pubbliċi madwar il-Qala. Kompla jgħid li għamel talba fuq il-midja soċjali sabiex ir-residenti jidentifikaw l-aktar postijiet li jkunu miżgħuda biż-żunzan. Għalhekk hu ssuġġerixxa li tali nases jitpoġġew f'diversi toroq li huma: ħdejn il-knisja tal-Kunċizzjoni, il-Belveder, il-Pjazza, fejn il-kunsill, Gnien il-Familja, Triq il-Forn, Triq it-Telgħa, Ta'Ċini Roundabout, Ta' Ċini, Triq l-Imġarr, Roundabout ħdejn Andrew, ITS, Ta'Kassja, Ta' Grunju, Fuq il-Wileġ, Taċ-Ċawl, Playingfield Magistrat Salvu Attar, Hondoq u f'diversi postijiet oħra skont kif inkunu mitluba. Zid jgħid li se jkun qed jieħu parir professjonali dwar meta huwa l-aħjar żmien sabiex dawn jitpoġġew. Ser jipprova li ssir sorveljanza tagħhom ukoll.

68.4.10 Is-Sindku semma post li ttella fuq facebook dwar bozza ma arblu f'Wardija Street. Hu semma li fl-2019 kien ġie avviċinat minn residenta li nfurmatu dwar il-bżonn ta' dan l-arblu u dak in-nhar il-Kunsill kien ħa l-passi sabiex jitranġa. Minn dak in-nhar r-residenta qatt ma kienet reġat kellmitu dwaru u għalhekk dan kien ifisser li kien każ magħluq. Is-Sindku preżenta emails li juru li dan il-każ kien ġie rriferut lil persuna responsabbli. Kompla jgħid li ried jirringrazzja lil Heidi għaliex grazzi għall-kuntrattur il-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ġdid li tqabbad mill-Kunsill, din il-problema ma ħafna oħrajn ġew solvuti fi żmien qasir. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak wieġbet illi jekk persuna tinfurmak li l-bozza qed iżżomm fuq bolt wieħed u dan ma tranġax żgur li ma jistax ikun ifisser li huwa kaz magħluq.

68.4.11 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill qed jaħdem flimkien mal-Ministeru Għal Għawdex sabiex isir ix-xogħol għall-auto fest fid-9ta' Lulju 2023.

68.4.12 Fit-12 ta' Mejju saret żjara uffiċċjali mill-Prim Ministru, l-Ministru Għal Għawdex u l-kumitat tal-futbol fil-ground il-ġdid tal-Qala. Is-Sindku semma li hu rċieva telefonata xħin kważi spiċċaw u minħabba hekk attenda bil-ħwejjeġ tax-xogħol. Kompla jgħid li jħossu diżapunttat li membru minn dan il-kunsill kien mistieden u attenda għal din iż-żjara. Huwa minnu li dan il-membru attenda taħt kappell ieħor però seta indenja ruħu u nforma lill-kunsill dwar din iż-żjara. Dan minkejja li għalkemm il-grawnd tal-futbol huwa propjetà tal-kunsill, la hu u lanqas il-Kunsill ma kien mistieden.

68.4.13 Is-Sindku ppropona li titħawwel siġra taż-żebbuġa antika fir-roundabout sabiex tkun feature minnha nfisha. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx. Il-Kunsilliera semmew li hemm kellu jsir arblu fin-nofs u għalhekk fuq suġġeriment tal-Kunsillier Joseph Buttiġieġ, kien hemm qbil li jitqabbad espert sabiex jagħti l-parir tiegħu dwar liema siġra l-aħjar li ssir fir-roundabout.

68.4.14 Is-Sindku informa lill-membri dwar diffikultajiet relatati mal-cameras ta' sigurtà li għalihom kienet ħarġet skema, u li l-kunsill kien qabel sabiex japplika. Wara laqgħa li saret mal-Pulizija tal-Kommunita', mas-Superentendent kif ukoll mal-Ispettur ta' Għawdex ġiet diskussa l-problema komuni li kull kunsill qed isib, fosthom is-servizz tad-dawl f'kull żona kif ukoll s-servizz tal-internet. Għalhekk is-Sindku semma li waqt il-laqgħa tar-Reġjun huwa ppropona li ssir talba konġunta għal dawn is-servizzi f'isem il-kunsilli kollha. Dan sabiex anka ningħataw prezz aħjar.

68.4.15 Is-Sindku għamel referenza għar-rigali li tħallsu mill-kunsill u li l-Kunsilliera Valerie C Mejlak ippreżentat f'Canale Montenaro. Hu staqsa jekk dawn ir-rigali ġewx preżentati f'isem il-kunsill jew f'isimha personali. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak wieġbet illi ma setatx tagħtihom b'mod formali għaliex is-Sindku kien għamel ċert li sew hi u anka l-Viċi Sindku ma dehrux miegħu u għalhekk kellhom bilfors jippreżentawhom b'mod informali, imma dawn ġew ippreżentati f'isem il-Kunsill. Hi qrat estratt mill-Minuti numru 59.4.5 fejn dawn kienu jgħidu li kien hemm qbil li tali rigali jinxtraw mill-Kunsilliera Valerie C. Mejlak u minkejja dan is-Sindku kien xtara rigali xorta. Is-Sindku wieġeb illi fil-laqgħa f'Canale Montenaro kienu tawhom post biex jiġu quddiem u huma ma ġewx. Huma qalu li dan ma kienx minnu u l-Viċi Sindku kompla jgħid li anka meta saru rringrazzjamenti u d-diskors mis-Sindku huma qatt ma ssemmew.

68.4.16 Is-Sindku semma li delegazzjoni mill-Qala żaret il-gżira ta' Salina. Fost din id-delegazzjoni kien hemm is-Sindku, Lorne, l-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Karl Buttigieg u



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Valerie C Mejlak. Minħabba sitwazzjoni ta' maltemp, kellhom jqattgħu lejl żejjed fi Sqallija però minkejja dan xorta dan il-vjaġġ kien wieħed li minnu gawdew r-residenti. Grazzi għall-insurance li se tkun qed tkopri għal dan il-lejl żejjed li sar fi Sqallija fejn il-Kunsill se jkun qed jingħata r-rivuzzjoni ta' €1200. Fl-ewwel żjara li kienet saret bejn is-Sindki ta' Salina ġew diskussi iż-żjarat li kellhom isiru mill-Qalin. Żjara waħda kellha ssir mill-banda, oħra mill-Folk Group u oħra mis-Soprana Paricia Buttiġieġ. F'dan il-vjaġġ kelli titla Patricia Buttiġieġ però ma setatx filwaqt li korrispondenza kienet għaddiet bejn il-banda Ite ad Josef u Salina. Il-Folk Group kien qed jipprova jagħqdu grupp biex imorru. Waqt iż-żjara f'Salina ġiet diskussa iż-żjara li ser issir mill-banda ta' Salina fil-Qala. Minħabba li l-aqwa tax-xogħol tagħhom huwa s-sajf huma xtaqu li jiġu Malta f'Ottubru però wara li tkellem mall-Kunsilliera li kienu hemm dawn urew ix-xewqa li l-istedina ma kellix issir hekk f'dak il-ħin għaliex din id-data għandha l-ewwel tiġi diskussa waqt laqgħa tal-kunsill. Għalhekk is-Sindku qal li l-istedina ma saritx dak inhar u lanqas tkellem dwarha mas-Sindki ta' Salina.

68.4.17 Is-Sindku semma li l-Insurance tat-truck ma kienitx mħallsa minkejja li kien ilu jsuq it-truck. Dan ġara għaliex kien sar ċekk li ma ssarrafx u minflok kellu jsir il-ħlas bi trasferiment bankarja, liema trasferiment baqa qatt ma sar.

## 68.6 Revizjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023

68.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat kopja tal-Estimi Finanzjarji riveduti għas-sena 2023. Il-membri kollha ġew preżentati b'kopja ta' dawn l-Estimi u l-kontenut ġie spjegat. Is-Segretarja Eżekuttiv spjegat illi ma għandha ebda ntenzjoni li tpoġġi lil xi ħadd f'dell ikraħ però huwa fi dmir tagħha li tinforma lill-kunsill bis-sitwazzjoni realistika finanzjarja, kif ukoll bis-sitwazzjoni li hija wirtet fil-kunsill. Is-Segretarja żiedet tgħid illi flimkien mal-Accountant kienu qed jaħdmu siegħat twal inkludi weekends sabiex jirnexxilna nippreżentaw l-kotba finanzjarji tas-snin l-imgħoddija li suppost ilhom li ngħalqu. Dan wara li qed nikkonsulta u ningħata s-support mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li wkoll qed jistenna li l-Kunsill jippreżenta l-kotba finanzjarji kemm jista jkun malajr.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ntilfu madwar €25,166 mill-Wasteserv, minħabba li l-wasteserv nfurmatna li l-fatturi relatati qatt ma waslu għandhom. Dwar invoice oħra li tkopri l-perjodu ta' Awwissu 2021 u li kienu talbu għal emenda fl-invoice, liema total jammonta għal madwar €5,000 għadhom se jtuna tweġiba jekk dawn jistgħux iħallsuna tagħhom jew le. Dan għaliex kien ilhom jibgħatu imejls il-kunsill sabiex din titranġa u fatturi li jaslu tard ma kienux se jiġu aċċettati kif kien spjegat fiċ-Ċirkulari li kienet ħarġet. Kull fattura riedet tintbagħat fi żmien 90ġurnata. Il-korrispondenza relatata ġiet moqrija lill-membri.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Is-Segretarja semmiet ukoll li kien hemm fondi li għalkemm l-Kunsill kien allokat fondi mid-dipartiment tal-kultura, l-kunsill ma kienx ressaq it-talba għall-reimbors tal-QIFF tat-2019 liema ammont huwa dak ta' €17,000. Kien hemm ukoll fondi allokati għall festivals tal-Karnival li nżammu fis-sena 2018 u 2019. Wara komunikazzjoni li saret mad-dipartiment tal-kultura, nfurmawna li jekk nippreżentaw l-fatturi u l-irċevuti fiskali tas-sena 2019, id-Dipartiment tal-Kultura jikkunsidraw li jħallsuna tagħhom. Dawn kollha nstabu u ġew ippreżentati lid-Dipartiment tal-Kultura sabiex il-Kunsill jkun issa jista jirċievi l-ħlasijiet tagħhom.

L-Estimi Finanzjarji ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Seg. Eżekuttiv.

## 68.7 Hruġ ta' Offerti

68.7.1 Is-Seg.Eżekuttiv infurmat lil membri li nhar, it-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023 ser jiġu ppublikati tlett sejħiet għall-offerti u se jagħlqu fit-28 ta' Ġunju 2023. Dawn huma:

1. *The Services of a Locality Assistant;*

2. *Tender for the Collection of Bulky Refuse in an Environmentally Friendly Manner;*

3. *Tender for Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads using low emission Service Vehicle.*

Kien hemm qbil sabiex il-bord ta' evalwazzjoni jkun kompost kif ġej:

Chairperson- Sindku, Paul Buttigieg

Evalwaturi – Sur. William Sultana, Kunsillier Joseph Buttiġieg, u professjonist ndipendenti

Segretarju tal-bord – Heidi Grech

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-bżonn illi toħroġ sejħa oħra għal servizz ta' Perit minħabba li l-kuntratt preżenti jagħlaq fit-2 ta'Ġunju 2024. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-membri li qegħdin nippreparaw sabiex toħroġ sejħa għall-offerti għall-akkwist ta' fanali għall-pjazza tal-Qala. Semmiet ukoll li l-Inġinier Simon Mizzi se jkun qed jipprepara l-ispeċifikazzjonijiet sabiex il-Kunsill jkun jista jixtri arloġġ tad-dawl għall-Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala. Kien hemm qbil dwar dan.

## 68.8 Skemi

68.8.1 SPI/SCI/4/2023 - Komunitajiet aktar siguri u organizzati:

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport li sar mill-Puluzija li jelenka l-postijiet identifikati minnhom a bażi ta' l-aktar postijiet bżonnjużi. Din l-iskema tagħlaq fit-28 ta'



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

PB

Lulju 2023 u l-Kunsill se jkun qed japplika sabiex jingħata fondi ħalli ssir sistema ta' CCTV f'diversi toroq madwar il-Qala. Is-Sindku semma illi waqt il-laqgħa mall-Pulizija tal-Kommunita' li nżammet ftit ta' ġranet ilu, irriżulta li l-kunsilli kollha qed isibu problema komuni, dik tas-servizz tal-internet kif ukoll tal-elettriku sabiex il-cameras tas-sigurta jkunu jistgħu jiffunzjonaw 24 siegħa kuljum u jipprovdu s-servizz mistenni. Għalhekk il-Kunsill ħa l-inizjattiva billi kiteb ittra lir-Reġjun Għawdex u ssuġġerixxa illi ssir talba kollettiva mir-Reġjun sew lill-Arms kif ukoll lil Service providers tal-internet ħalli l-kunsilli kollha jkunu jistgħu jingħataw l-aqwa prezz għal dan is-servizz. Din it-talba ġiet diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun u dawk il-kunsilli li jixtiequ se jkollhom l-opportunita' li ningħaqdu għal talba kollettiva.

68.8.2 SPI/SCI/10/2022 – Żvilupp ta' titjib ta' Latrina pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex:

Il-Kunsill qabel li ser japplika għal din l-iskema sabiex tiġi rinovata l-latrina pubblika li tinsab fil-Pjazza tal-Qala. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat id-dokumenti kollha flimkien mad-desinn ippreparati mill-Inġinier Simon Mizzi, l-Perita Mariella Xuereb u designer Sara Ann Curmi. Is-Seg. Eżekuttiv informat lill-membri li l-applikazzjoni se tiġi sottomessa lir-Reġjun Għawdex. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

68.8.3 Tkomplija bil-proġett ta' akkwist għal *Outdoor Gym Equipment*

L-iskema tal-Eko Gozo għall-akkwist ta' Outdoor Gym se tagħlaq f'Ġunju 2023. Il-Kunsill kien ħareġ tender fejn kien irċieva offerta inline però l-kuntratt kien għadu pendenti. Il-Kuntratt ġie ffirmat f'Mejju u l-equipment se jitwaħħal fi Ġnien il-Familja fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill jkun jista japplika għar-refużżjoni tal-ispejjeż taħt din l-iskema u li minna se jirċievi s-somma ta' €5,000.

## 68.9 Ħatra ta' bord għal-vakanza ta' Uffiċċjal Eżekuttiv;

68.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li wara li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll mill-Job Plus ħarġet is-sejħa interna għall-pozizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv u għalhekk din is-sejħa intbagħtet lill-kunsilli u reġjuni kollha f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda li ma kinitx eliġibbli minħabba li l-applikant ma kienx jaqa f'din il-kategorija, jiġifieri ma kienx jaħdem ma kunsill jew reġjun. Għalhekk il-proċess issa jkompli mall-proċess stabbilit sabiex jiġi ingaġġat uffiċċjal. Wara konsultazzjoni mall-kunsill ġie deċiż illi s-selection board għandu jkun kompost minn tlett persuni, l-Accountant, is-Sindku, Segretarju ta' kunsill jew professjonist u mis-Segretarju Ezekuttiv. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 68.10 Staff klerikali

68.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li kif kien ġie maqbul, s-sitwazzjoni tal-iskrivana RoseAnne Azzopardi ngħabet għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex is-sitwazzjoni tkun tista tirregola ruħha u bħala impjegata tal-kunsill jkollha kuntratt li jelenka d-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet tagħha. Fit-18ta' Mejju 2023, irċivejna tweġiba mingħand Dr. Mariella Silvio li hija l-avukata tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmat lill-Kunsill li:

*'Filwaqt li nirringrazzjak li ġibt dan a konjizzjoni tagħna, sabiex din il-materja tiġi regolata, jeħtieġ li jsir kuntratt ta' mpjieg mal-impjegata, liema kuntratt ikun datat skont meta jiġi ffirmat il-kuntratt. Irid ukoll isir addendum mal-kuntratt li fih jiġi indikat li lura fis-sena 2013 kien inħareġ il-permess sabiex is-Sa Azzopardi tkun tista' tibda l-impjieg mal-Kunsill, u li din kienet bdiet taħdem minn data speċifika (liema data trid tiġi inkluża fl-addendum). Irid jiġi inkluż wkoll li kwalsiasi arretrati li hija intitolata għalihom, huma dovuti lilha.'*

Għalhekk, il-Kunsill se jkun qed jagħmel kuntratt kif ukoll addendum lis-Sinjura Azzopardi hekk kif mitlub. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tkun qed taħdem l-arretrati dovuti lilha u jiġu ppreżentati fil-Kunsill.

Is-Sa. Azzopardi kienet talbet illi tibda taħdem b'sigħat imnaqqsa kif ukoll minn remote working minħabba sitwazzjoni personali. Hija talbet biex taħdem biss min-12.30 sat-15.00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa kif ukoll taħdem sa massimu ta' 8 sigħat b'remote working. Il-Kunsill laqa din it-talba u s-Sa. Azzopardi se tkun infurmata bil-miktub.

Is-Seg. Eżekuttiv spjegat illi l-uffiċċju tal-kunsill jinsab f'sitwazzjoni diffiċli minħabba nuqqas kbir ta' riżorsi umani. Il-proċess biex jiġi ngaġġat uffiċċjal eżekuttiv mixi però dan jieħu fit-tul u s-Seg. Eżekuttiv flimkien mal-iskrivana Sa Maria Camilleri qegħdin nagħmlu l-aħjar li nistgħu. Sa. Camilleri se jkollha bżonn tieħu ġranet vacation leave u għalhekk kien hemm qbil li nitolbu l-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex sabiex niġu allokati uffiċċjal klerikali. Il-Kunsillier Joseph Buttigieġ issuġġerixxa li jekk huwa possibbli nsibu lil xi kumpanija li tista joffri servizz klerikali temporanju.

## 68.11 Attivita' Kulturali – 'Lejla Għawdxija'

68.11.1 Minħabba li l-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa nformali li nżammet mal-għaqdiet tal-lokalita' dwar l-attivita' Lejla Għawdxija, kien hemm qbil dwar dak li ġie diskuss f'din il-laqgħa. Se jkunu qed jipparteċipaw diversi persuni lokali sabiex jesibixxu prodotti lokali, l-għaqda tal-briju se jkunu qed itellgħu stand tax-xorb kif ukoll il-Menhir Folk Group u oħrajn se jkun qed jieħu ħsieb stands bix-xogħol tal-idejn u żfin folkloristiku. Kien hemm qbil li l-kunsill joħroġ notifika ħalli kull min jixtieq jesebixxi xi xogħol jew prodott lokali jagħmel kuntatt mall-kunsill. Din l-attivita' se tkun qed tittella fuq il-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Belvedere nhar it-2ta' Lulju 2023 u se tkun qed issir b'fondi Kulturali mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll b'fondi tal-Kunsill. Ġie ppreżentat desinn tal-flyer ippreparat minn Paul James.

## 68.12 Korrispondenza, Materji Amministrttivi, lmenti u suġġerimenti

68.12.1 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Kultura dwar Bands li se jkunu qed idoqqu fil-Pjazza, ħdejn il-knisja fi ġranet bejn it-12 ta' Lulju sal-20 ta' Settembru 2023.

68.12.2 Ittra mingħand Għaqda Muzikali Ite ad Joseph fejn qed jgħidilna li huma disponibbli sabiex issir laqgħa dwar is-sehem tal-istess Banda fil-ġemellaġġ tal-Kunsill mal-Comune di Salina fi Sqallija.

68.12.3 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Ramona Portelli fejn qed tħeġġeġ l-użu tal-magni tal-EPOS u d-diversi vantaġġi relatati magħhom.

68.12.4 Korrispondenza mas-Sur Charlie Bezzina dwar il-ktejjeb fuq il-vittmi tal-gwerra. Is-Sur Bezzina nfurmani li ilu li lestih, fik mal-34 paġna u issa jonqos li jiġi pprintjat u jiġi varat mal-inawgurazzjoni tal-Monument. Il-Kunsill qabel li nordnaw 40/50 print.

68.12.5 Kommunikazzjoni li saret bejn il-Kunsill u s-Sur Kevin Cauchi fi ħdan l-Ambjent Malta dwar *Memorandum of Understanding* bejn il-Kunsill u d-Direttorat sabiex jitwettaq xogħol ta *Embellishment of Urban Squares.* Jien ġejt infurmata li l-kuntratt eżistenti kien se jagħlaq fi żmien ġimgħa u għalhekk se jsir Addendum li se jintbagħat lill-kunsill fil-ġranet li ġejjin.

68.12.6 Kommunikazzjoni li saret bejn il-Kunsill u s-Sur Duca kif ukolla mas-Sinjura Frances Spiteri mill-Wasteserv fejn ġejna nfurmati li minħabba li l-fatturi qatt ma waslu l-Wasteserv, tali fatturi ma jistgħux jiġu kkunsidrati u għalhekk il-kunsill se jkun qed jitlef il-fondi. It-total huwa ta' €25,166.42.

68.12.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-petizzjoni u t-talba tal-kunsill għall-bus route diretta lejn u mill-Qala intbgħatet lill-Transport Malta fit-8ta' Mejju 2023.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

68.12.8 Kommunkazzjoni li saret bejn il-Kunsill u mad-Direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Kultura is-Sur John Xuereb dwar ir-rimbors għall-attivita' tal-QIFF Festival tas-snin 2018 u 2019. Infurmani li ma sab l-ebda nformazzjoni dwar is-sena 2018 u fatturi tas-sena 2019 qatt ma ġew ippreżentati. Hadna ħsieb li sibna l-fatturi kollha u ntbgħatu d-dipartiment tal-kultura.

68.12.9 Ittra li l-kunsill rċieva mingħand Dar ta' Zeppi dwar ix-xogħol li l-kunsill se jwettaq fi triq it-28ta' April 1688.

68.12.10 Skema tal-IPS – Il-Kunsill qabel sabiex napplikaw għal student fis-sezzjoni ta' Accounts u Finance. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u l-Kunsill applika għal student fil-qasam tal-Accounts.

68.12.11 Korrispondenza mingħand id-Direttur *Finance and Procurement Compliance* Is-Sinjura Clare Bugeja. F'din il-korrispondenza spjegat dwar in-nuqqasijiet tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill. Se nkun qed nagħmel dak kollu possibbli sabiex nirregolaw ruħna kemm jista jkun malajr.

68.12.12 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li applikat għall-Fond ta' Aġġustment u l-applikażżjoni ġiet aċċettata. Għalhekk l-Kunsill se jkun qed jirċievi l-fondi fil-kont bankarju tal-Kunsill.

68.12.12 Ġie maqbul illi s-salarji u l-allowances tal-membri tal-kunsill għandhom jitħallsu kull l-aħħar tax-xahar u jidħlu fl-iskeda li jkun imiss. Dan jiġifieri li ma hemmx bżonn jistennew il-laqgħa tal-kunsill għaliex il-paga u l-allowance ma hix diskutibbli. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tkun qed tapplika għall-qualification allowance hekk kif stipulat fil-manual tal-allowances. Kien hemm qbil dwar dan.

68.12.13 Is-Seg. Eżekuttiv semmiet il-bżonn li l-kontijiet tal-Go u tal-Arms ukoll jitħallsu minnufih u jidħlu fl-iskeda ta' pagamenti li jkun imiss. Dan sabiex il-kunsill jevita' li jeħel spejjeż żejda relatati ma spejjeż minħabba dewmin fil-ħlasijiet tal-kont. Kien hemm qbil dwar dan.

68.12.14 Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jqabbad lill-kuntrattur Chris Galea sabiex jibdel bozoz maħruqa u jagħmel kull xogħol relatat ma' tiswija ta' dawl fil-Qala minħabba li l-kunsill ilu ħafna b'xogħol wieqaf u li ilhom jistennew ħafna. Dan wara li ppreżenta stima għal dan ix-xogħol. Is-Seg. Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

infurmat lill-membri dwar talba sabiex jiċċaqlaq temporanjament fanal li jinsab fi Triq il-Wileġ. Kien hemm qbil dwar dan.

68.12.15 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li applikajna għal Measure 4.4 – *Rubble Walls Restoration* sabiex isir bini u manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il-Kunċizzjoni, Triq taċ-Ċawl, Triq iż-Żewwieqa u Triq l-Andar ix-Xagħri.

68.12.16 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-kunsill ilu jħallas għall-servizz ta' telefonija li kienet darba tintuża għall-fax u li llum ma għadiex tintuża. Għalhekk in-numru 21553232 se jitneħħa ħalli l-kunsill ma jħallasx għal xejn. Kien hemm qbil dwar dan.

68.12.17 Is-Seg. Eżekuttiv semmiet il-biċċiet tal-mosaic li jinsabu fl-istore u l-bżonn li dawn jiġu mwaħħla sabiex nevitaw li jinkisru. Kont infurmata li l-kunsill kien qabel li dawn għandhom jitwaħħlu fi Triq il-Barbaġan.

68.12.18 Is-Seg. Ezekuttiv informat lill-membri dwar il-bżonn li jinxtara s-supply tal-ilma għax-xorb u ppreżentat l-offerti tal-H2 only. Il-kunsill qabel li s-Seg. Ezekuttiv għandha tagħżel u tixtri offerta ta' ilma kif meħtieġ.

68.12.19 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Solar Bulb mistennija tasal fil-ġranet li ġejjin.

68.12.20 Is-Seg. Ezekuttiv tkellmet dwar il-komunikazzjoni li saret mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proċess ta' Ġemellaġġ u ppreżentat ċ-Ċirkulari dwar il-Ġemellaġġi. Minħabba li tali ċirkulari tgħid li l-Kunsill ma jistax jonfoq aktar minn €3500 għal dan l-iskop, infurmat lill-membru li talbet direzzjoni mid-dipartiment dwar l-istedina li l-kunsill għamel lill-Banda ta' Canale Montenaro.

68.12.21 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi qed tistenna li tirċievi mingħand il-perit sabiex tkun tista tapplika għall-fondi mill-*Planning Development Fund* għal xogħol fil-madwar tal-kunsill. L-bilanċ fil-kont tal-Planning Develeopment Fund f'Jannar 2023 kien ta' €433,337.86. l-Kunsill kien applika għal żewġ proġetti taħt Project Green, proġett ta' rinovazzjoni u tisbiħ għal Ġnien il-Familja u proġett ta' tisbiħ għall-Kunċizzjoni. Il-Kunsilliera qalu li ma jafux dwar dawn il-proġetti però s-Sindku wieġeb li kienu tressqu kunsill. Is-Seg.Eżekuttiv infurmatom li kienet ser tiltaqa mall-perit sabiex tiġi nfurmata aktar dwar il-proġetti u tkun tista tgħaddi l-informazzjoni fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

68.12.22 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-proposti li l-Kunsill irċieva minn għaqdiet lokali sabiex jittellgħu l-attivitajiet kulturali b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Wara li dawn ġew diskussi, l-kunsill qabel sabiex jtella l-attivitajiet b'kollaborazzjoni mall-Għaqdiet hawn imsemmija kif ukoll qabel li jħallas l-ispejjeż msemmiha aktar l-isfel. Dejjem jekk dan l-akkwist isir skont ir-regolamenti finanzjarji tal-gvern u wara li l-programm ikun mexa mal-kuntratt u l-kunsill jirċievi l-fatturi fiskali relatati. Għalhekk, is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tipprepara kuntratt sabiex l-għaqda/NGO rispettiva flimkien mal-Kunsill jkunu jafu l-obbligi u d-dmirijiet tagħhom. Kull promozzjoni trid tindika l-kollaborazzjoni tal-kunsill u tali flyers jew promo għandu jkun approvat mill-Kunsill.

1. Għaqda Briju – Il-Kunsill se jiġbor l-istimi għal xiri ta' 8 arbli li jibqgħu propjetà tal-Kunsill imma jkunu jistgħu jinżammu mill-għaqda Briju – Spiża proġettata - €1790

2. Se nkunu qed nidħlu b'kollborazzjoni mal-kumitat tan-nar sabiex flimkien jinżamm barbecue dan il-weekend billi noffru l-band mużikali. Dan wara li l-kunsill ġabar l-istimi, l-ispiża relatata hija dik ta' €700, kif ukoll se nkunu qed nkopru l-ispejjeż relatati mall-kiri tas-siġġijiet għal spiża ta' €250 u l-akkwist ta' pożati tal-ikel liema spiża hija dik ta' €200.

3. Se nkunu qed nidħlu b'kollaborazzjoni mal-paroċċa sabiex jittellaw l-attivitajiet relatati mall-festa billi noffru l-gruppi mużikali tal-banda fejn l-ispiża se tkun dik ta' €2500 kif ukoll nkopru l-ispejjeż relatati ma transport u drinks għall-bandisti, liema spiża għada trid tiġi provduta wara li l-kunsill jiġbor l-istimi relatati minn fornituri lokali.

4. Se nkunu qegħdin wkoll ntellgħu Festa Tfal bil-kollaborazzjoni tal-Paroċċa u għalhekk se nkunu qegħdin nkopru għall-ispjezz relatati ma din l-attivita', liema spiża maħsuba tkun dik ta' €300. Il-Kunsill se jkun qiegħed ukoll jtella b'kollaborazzjoni mall-Paroċċa il-barbecue tal-festa u għalhekk se jkun qed ikopri l-ispejjeż relatati mall-kiri tas-siġġijiet u l-imwejjed kif ukoll l- ispejjeż ta' prodotti *disposable* bħal ma huma l-pożati. L-ispiża hija proġettata li tqum sa €1000.

5. B'kollaborazzjoni mall-parroċċa, l-Kunsill se jingħata paġna fir-revista Leħen il-Qala u għalhekk il-Kunsill se jkun qiegħed ukoll iħallas is-somma ta' €400 għall-ispiża relatata ma din il-pubblikazzjoni.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

6. Il-Kunsill se jkun qiegħed jtella wkoll b'kollaborazzjoni mal-għaqda armar, l-attivita tat-Tombla tal-Armar li tittella it-Tnejn tal-Festa. Il-Kunsill se jkun qed ikopri l-ispejjeż ta' Bouncing castle u kids rides għat-tfal liema spiża għad trid tiġi pprovduta meta l-kunsill jiġbor l-istimi relatati. Il-Kunsill se jkun qiegħed jieħu ħsieb ukoll sabiex jassigura li jingħalqu t-toroq meħtieġa skont il-bżonn kif ukoll li jkopri l-akkwist ta' bozoz LED's għal Triq ir-Rebħa, liema spiża għada trid tiġi provduta wara li l-kunsill jiġbor l-istimi relatati minn fornituri lokali, u liema ammont ma jeċċedix l-€1500.

## 68.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

68.13.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab li billi x-xogħol tat-triq it-28ta' April 2023 baqalu biex jibda, jitneħħew it-tabelli li twaħħlu u jerġgħu jeħlu aktar qrib iż-żmien meta jkun se jibda x-xogħol. Se nkunu qed ninfurmaw il-kuntrattur sabiex dawn jitneħħew.

68.13.2 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għarrag lil Kunsill li hemm bżonn jinqata l-ħaxix fit-toroq, Grunju, Iklin u ta' Kassja. Is-Sindku nfurmah li dawn kienu diġa saru.

68.13.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għarraf dwar il-bżonn li jinqata l-bużbież fi Triq taċ-Ċawl kif ukoll isir ftit patching fi Triq taċ-Ċawl.

68.13.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm truck tal-Magun li qed jidħol illegalment fi Triq il-Mitħna. Se nkun qed nitkellem mal-kuntrattur.

68.13.5 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk tistax issir tabella Slow Down fejn tax-Xerri Restaurant. Is-Sindku qal li nagħmlu tnejn. Staqsa wkoll sabiex issir Tabella Cat Crossing fi Triq Papa Piu X1. Dawn se jkunu qed isiru.

68.13.6 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa tistax issir tabella Stop Sign fi Triq is-Semper ma Triq il-Wileġ. Dawn se jkunu qed isiru.

68.13.7 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm globi u fanali mkissrin fi Ġnien Anton Buttiġieg.

68.13.8 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ressaq talba għal double yellow lines int u sejjer Belveder. Se tkun qed issir it-talba lill TM.

68.13.9 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk hux possibli li l-entratura għad-dog park tkun mit-triq minħabba li t-tfal qed jibżgħu. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet illi dik ma setatx issir minħabba issues ta' safety minn TM.

68.13.10 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai tkellem fuq il-possibilta' li l-area tal-Kunċizzjoni tiżdied ma' oħrajn u ssir Touristic Zone. Se tkun qed titressaq it-talba lill MTA.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

68.13.11 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma jekk hemmx bżonn issir xi applikazzjoni għas-swimming zone ta' Hondoq. Is-Sindku wieġeb illi ma ssirx applikazzjoni għax jieħdu ħsieb huma.

68.13.12 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa jekk il-ġnien li hemm int u nieżel Hondoq tnaddafx. Is-Sindku wieġbu li l-Kunsill ma jistax jidħol fi propjeta privata u fil-preżenza tiegħu ma tnaddafx. Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn tnaddaf issa u erba' snin ilu ma tnaddafx. Is-Sindku nsista li l-Kunsill ma nadfux.

68.13.13 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ressaq it-talba għal tabella biex ma jħallux żibel ħdejn bank fi Triq il-Wardija. Din se tkun qeda ssir.

68.13.14 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li hemm bżonn li timxi t-tabella tal-Qala għal ħdejn ir-roundabout il-ġdida għaliex ilha sena li għaddiet mill-kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota sabiex din issir.

68.13.15 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li meta l-Kunsill xtara t-truck kien talab li jitwaħħlu l-istickers biex juri li hu propjeta tal-Kunsill u sal-lum dawn għadhom ma sarux. Semma li t-truck qed jintuża għall-użu personali tas-Sindku għaliex in-nies rawh bih barra mill-ħin tax-xogħol. Is-Sindku wieġeb illi ħadd qatt ma tkellem meta kien juża t-truck tiegħu personali għax-xogħol tal-kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li jħoss li din is-sitwazzjoni mhix waħda tajba għaliex it-truck tal-kunsill għandu jintuza mill-ħaddiema tal-kunsill u x-xogħol tas-Sindku matul il-ġurnata huwa xogħol li għalih u mħallas bħala impjegat tas-CMU. Is-Sindku wieġeb li waqt il-ħin tax-xogħol ikollu t-trukk biex jagħmel xogħol tal-kunsill u jmur iġib il-bżonnijiet tal-kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv se tkun qed tieħu ħsieb li l-istickers isiru.

68.13.16 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak resqet it-talba sabiex isir pole fi Trejqet ta' Hatar fejn jiddendel il-garbage. Is-Sindku semma li n-nies ma rieduhx, pero l-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet li jriduha u nfurmat lis-Sindku li wara l-laqgħa tista tgħidlu min hu li jridha.

68.13.17 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak staqsiet għal update dwar il-bozza solari u s-Segretarju Eżekuttiv infurmha li aħna nfurmati li din il-bozza se tasal din il-ġimgħa. Talbet li tkun infurmata meta tkun se titwaħħal.

68.13.18 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet li s-sena l-oħra l-kunsill kien approva li jsir festun irqiq tad-dawl li jitpoġġa mas-siġar tal-pjazza u minn nofs Ġunju dan jixgħel kull nhar ta' Ġimgħa, s-Sibt u Hadd, u jixgħel kuljum fil-jiem tal-festa.

68.13.19 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet l-għeluq tal-Pjazza li għandu jsir minn Lulju u jekk hemm qbil issir flyer sabiex r-residenti jkunu nfurmati. Kien hemm qbil li l-Pjazza għandha tingħalaq mit-30ta' Ġunju 2023, kull nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Hadd mit-20.00p.m. sa 24.00p.m u tibqa għaddejja sal-QIFF. Żiedet tgħid li jkun aħjar kieku jsir



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

signage li juri rotot alternattivi, kif ukoll l-Viċi Sindku u l-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni dwar il-bżonn li jkunu aktar responsabbli. Għalhekk se ssir komunikazzjoni mal-Għaqda tal-Briju.

68.13.20 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet li 10th of June hija World Knitting Day u xi Ingliżi xtaqu li ssir attivita' fil-pjazza. Se tkun qed tieħu ħsieb li ġġib il-permess mingħand l-Arċipriet pero qegħda tinforma lill-kunsill dwar dan.

68.13.21 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet ukoll li qed taħseb biex tittella Book Day, t-tinda nkriet kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti u din se tkun qed issir sabiex nippromwovu l-qari. Id-data tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

68.13.22 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak staqsiet dwar il-bankijiet u l-pots għla Triq il-Barbaġan. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmata li l-bankijiet waslu u kien hemm qbil sabiex is-Sa Valerie C. Mejlak tiġi nfurmata minn qabel dwar meta dawn jkunu se jeħlu. Staqsiet ukoll dwar il-possibilita li jinxtraw gazebos li jibqgħu tal-Kunsill.

68.13.23 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak semmiet il-problema tal-ħamiem li r-residenti fi Triq it-28 ta' April 1688 qed iħabbtu wiċċhom magħha. Semmiet il-bżonn li ssir komunikazzjoni mal-kumpanija Exterminator. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

68.13.24 Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak staqsiet dwar meta se ssir it-tieni kisja ta' tarmak fi Triq il-Papa Piu IX kif ukoll li jsiru slow signs fl-istess triq, staqsiet ukoll dwar Triq il-Wardija, meta ser jitneħħew il-blokok tac-cement mit-triq ta' Hondoq meta dawn suppost tpoġġew b'mod temporanju u semmiet ukoll is-sitwazzjoni allarmanti ta' Triq taċ-Ċawl. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministeru Għal Għawdex u jistaqsi dwar meta se jkunu qed jitkomplew dawn ix-xogħolijiet. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

68.13.25 Il-Kunsillier Karl Buttiġieg talab li jitpoġġa doggy bin fi Triq L-Isqof Buttiġieg, ftit il-fuq mill-ITS.

68.13.26 Il-Kunsillier Karl Buttiġieg semma li kif kienet ġejja id-diverżjoni tat-traffiku għal meta tkun se ssir it-triq hija waħda perikuluża u rridu nassiguraw li jsiru t-tabelli u possibilment tinbidel ir-rotta. Is-Sindku wieġeb li r-rotta saret minn Transport Malta u aħna ma nistgħux nbiddlu rotot. Saru żewġ tabelli STOP mal-propjeta ta' Benna.

68.13.27 Il-Kunsillier Karl Buttiġieg semma li hemm xi bozoz fi Ġnien il-Familja li huma mitfigħin. Semma wkoll li hemm bżonn illi l-mera li hemm mal-każin tal-banda tiġi tranġata sabiex titla ftit il-fuq. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

68.13.28 Il-Kunsillier Karl Buttiġieg ressaq ukoll it-talba sabiex fl-ittra lill-Ministru nressqu wkoll it-talba sabiex tiġi ndirizzata l-problema ta' flooding fi Triq l-Imgarr minħabba li s-sitwazzjoni gravat. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

68.13.29 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa dwar jekk il-fanali ta' Triq Patri Ġużepp Portelli humiex ser jinbidlu. Is-Sindku wieġbu li diġa jinsabu għandna u jrid isir base tajjeb għalihom.

68.13.30 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma dwar toqba fi Triq l-Imġarr li għandha bżonn xogħol ta' patching. Is-Sindku wieġeb li din se ssir.

68.13.31 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa dwar is-slielem ta' Hondoq u dawn diġa twaħħlu. Semma wkoll il-każ fi Triq il-Wardija, dwar jekk il-Kunsill kienx bagħat l-email f'isem il-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li qegħda f'idejn l-Avukata Claire Bonello u għalhekk is-Seg, Eżekuttiv ħadet nota sabiex ssir komunikazzjoni ma Dr. Bonello dwar dan.

68.13.32 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma wkoll il-bżonn sabiex nitkellmu mal-għaqda tan-nar li s-sena l-oħra ħadu ħsieb il-knis tal-festa.

68.13.33 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni dwar il-kamra li preżentament tinsab fuq id-distillatur tal-WSC. Il-Kunsill kien talab sabiex din il-kamra titwaqqa minħabba li hija eyesore li tidher minn kullimkien. Għalhekk il-Kunsill għandu jerġa jibgħat tfakkira lill-WSC dwar it-talba tagħna. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li se tkun qed tintbgħat ittra lill-WSC dwar din it-talba.

68.13.34 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ ressaq it-talba sabiex isiru double yellow lines fi Triq il-Belveder, quddiem gate ta' propjeta li se jkun qed jibgħat id-dettalji tagħhom. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

68.13.35 Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li jħossu disgustat dwar post li ttella fuq facebook għaliex iħoss li xogħol li jsir mill-Kunsill għandu jittella fuq il-paġna tal-Kunsill. l-Viċi Sindku rrimarka li ilu erba' snin jisħaq li l-paġna tal-facebook tal-Kunsill għandha tkun f'idejn is-Seg. Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li s-Sindku se jkun qed jagħtiha l-aċċess għal din il-paġna u semmiet li kieku jkun ferm aħjar jekk ix-xogħol li jsir mill-Kunsill jitla fuq il-paġna tal-kunsill u wara jista jiġi xxerjat mill-membri kollha għaliex ix-xogħol jkun qed isir mill-Kunsill u mhux minn individwi.

## 68.14. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

68.14.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 5/2023 għal perjodu ta' bejn is-26 ta' April 2023 u l-31 ta' Mejju 2023 li tammonta għal €94,062,73 ġiet approvata u ffirmata. F'din l-iskeda daħlu ħlasijiet li saru mill-Aġent Seg. Eżekuttiv skont il-kuntratti li l-kunsill kellu dwar il-program EUISM. Peress li tali transazzjonijiet saru f'April u nstabu li ma kienux mdaħħla fl-iskeda preċedenti dawn ġew inklużi f'din l-iskeda. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Mejju, kif ukoll relatati ma ammonti li nstabu dovuti minn xhur ta' qabel.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 68.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.15.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-22.00pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tnejn, 26 ta' Ġunju 2023, fl-4:30pm, b'aġenda li tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt